**Tribunal ta' Revizjoni tal-Appell u l-Ippjanar**

**Appell minn Hrug ta' Penali Amministrattiva bin-Numru IF 1122 / 19 F ai termini tal-artikolu 81 tal-Kap 549 u l-Kap 551 tal-Ligijiet ta' Malta**

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
- 4 JUN 2020
ST FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Wasteserv Malta Limited (C. 30560**

**Vs**

**Awtorita' ghall-ambjent u r-Rizorsi**

Appell tas-socjeta **Wasteserv Malta Limited (C. 30560)**

Tesponi bir-rispett

Illi fid-disgha (9) t'Ottubru tas-sena 2019 inhareg avviz ta' multa amministrattiva li l-appellanti permezz tal-Inginier Morgan Bonnici ghan-nom tas-socjeta esponenti wiegbu fil-hdax (11) t'Ottubru tal-istess sena permezz ta' korrispondenza elettronika li qed tigi annessa bhal dokument A:

**Subject:** TTF - Fine - IF1122/19-F - SO0021

Dear Sir / Madam,

*Case No.: **IF1122/19-F***

*Reference is made to fine **SO0021** which is attached for ease of reference.*

*Wasteserv Malta Ltd is contesting this fine on the following basis:*

*WSM confirms that the manholes in question were only left temporarily open in order to allow for the proper curing of sealing agents pertinent to an improved modification of the drain system.*

*This improvement is intended to resolve a leak which was identified only recently by the Environmental Health Directorate and who ordered Wasteserv to take immediate action on.*

*Thanks & regards,*

*Morgan*

Illi konsegwentament ai termini tal-istess Avvizz li huma gew notifikati bih nhar XX u li qed jigi anness bhala Dokument B, l-Awtorita' appellata ddecidiet li l-esponenti ma taw l-ebda raguni valida biex juru għaliex m'għandha tiġi imposta ebda penali amministrattiva u ghalhekk kienet qed timponi tali penali amministrattiva;

Illi l-appellanti hass ruhu aggravat bl-Avviz dwar il-Hrug ta' Penali Amministrattiva (Nru. tal-Kaz IF 1122/19 F – Nru. tar-Referenza tal-Multa SO 0021) liema penali amministrattiva ta' €1,200 giet imposta fuqha mill-istess Awtorita appellata minhabba is-segwenti ragunijiet u ai termini **tas-sub artikolu 81 (5) tal-Kap 549 u l-Kap 551 tal-Ligijiet ta' Malta** qieghed ghaldastant tipprezenta dan l-umli appel minnha:

"*On 07 October 2019 a number of manholes at the Thermal Treatment Facility, Triq il-Biccerija, Marsa were left open and uncovered, causing extreme nuisance in particular from one of the manholes, through odours being generated from effluent passing underground. This is a malpractice in relation to the waste management on site which caused extreme odour nuisance, and is in breach of the Waste Regulations (SL 549.63)*"

Flimkien ma' dawn is-sottomissjonijiet qed jigu ukoll anness l-ircevuta tal-hlas tad-dritt tal-appell (Dokument C).

Is-Socjeta' appellanti tissotometti ghal konsiderazzjoni ta' dan it-Tribunal dan li gej:

1. Illi l-procedura specjali ai termini tal-Artikolu 80 tal-Kap 549 tal-Ligijiet ta' Malta u l-procediment taghha ai termini tal-Artikolu 81 tal-istess Kap hija proceduralment monka peress li ma tindikax liema dispozizzjoni tar-Regolamenti maghmulin taht dan l-att (LS 549.63) qed jigu miksura. F'dan

is-sens il-procedura stabilita ai termini tal-artikoli suriferiti hija cara u l-Awtorita appellata kien jehtiegilha li tindika bic-car id-dispozizzjoni, direttiva, decizjoni, ordni jew kundizzjoni li l-appellanti kienu qed jiksru.

*Art. 80 (1) L-Awtorità tista' timponi multa amministrattiva fuq kull persuna li:*

*(a) tikser* ***xi dispożizzjoni*** *ta' dan l-Att, ta' regolamenti magħmulin taħtu jew ta' xi liġi oħra li l-Awtorità jkollha l-jedd li tiżgura l-osservanza tagħha u li tinforza; jew*

*(b) tonqos milli tosserva xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità, kemm jekk taħt dan l-Att, taħt regolamenti magħmulin taħtu jew taħt xi liġi oħra li l-Awtorità jkollha jedd li tiżgura l-osservanza tagħha u li tinforza; jew*

*(c) tonqos milli tobdi xi ordni għal waqfien jew ordni ta' konformità u d dispożizzjonijiet li fihom; jew*

*(d) tonqos milli tħares xi kundizzjoni ta' kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Att, inkluż in-nuqqas li tipprovdi f'waqthom u, jew b'mod xieraq data jew informazzjoni li jesiġu l-kundizzjonijiet tal- awtorizzazzjoni ...*

2. Illi certament allura dan l-Avviz tal-penali amministrattiva huwa null u bla effett stante li huwa mahrug in forza ta' artikolu tal-ligi li talab li kellu jigi identifikat id-dispozizzjoni tar-regolarment. Reg. 34 (2) tal-LS 546.63 huwa car f'dan ir-rigward u l-persuna tkun hatja ta' reat meta jirrizulta is-segwenti:

*Reg. 34 (2) Kull persuna tista' tkun ħatja ta' reat skont dawn irregolamenti jekk dik il-persuna:*

*(a) tabbanduna, titfa', tarmi jew inkella ġġorr l-iskart mhux skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn irregolamenti;*

*(b) tonqos li tikkonforma ma' xi dispożizzjoni ta' dawn irregolamenti jew tonqos milli tikkonforma ma' kundizzjonijiet tal-permess jew ma' xi ordni leġittimament mogħtija skont xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew*

*(ċ) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew rekwiżit impost minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew*

*(d) taġixxi bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dawn irregolamenti; jew*

*(e) tikkonfoffa jew tipprova, jew tgħin, jew tħajjar, lil xi persuna oħra b'kull mezz, inkluż ir-reklamar, pariri jew flus biex tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew tonqos li tikkonforma ma' xi dispożizzjonijiet bħal dawn (inklużi xi ordni leġittimament mogħtija f'termini ta' kull dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti) jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt limsemmija regolamenti.*

3. Illi f'kull kaz l-impozizzjoni ta' multa tista' ssir jekk u meta id-dispozizzjoni, direttiva, decizjoni, ordni jew kundizzjoni tinkiser u f'dan il-kaz l-Awtorita' jehtieg li tressaq il-provi dwar dan.

4. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-socjeta' appellanti kienet qed tagixxi taht struzzjonijiet mghotija lilha mid-Direttorat ghas-Sahha Pubblika kif ser ikun jigi pruvat waqt il-proceduri odjerni li ghandha ir-responsabilita' tas-sahha pubbliku.

Ghaldaqstant is-socjeta' appellanti qed jitolbu li l-*files* li ssir referenza ghalihom jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-files imsemmija minnha lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess it-Tribunal ghandu filwaqt li jilqa l-appell intavolat jordna li l-Avviz fuq imsemmi jigi revokat fil-konfront tal-appellanti u dana taht, u minghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Ai termini tas-**sub artikolu 81 (5) tal-Kap 549 l-istess appellant qed jitolbu** s-sospensjoni ta' kull provedimenti ohra li l-istess appellati jisghu jiehdu ai termini tal-istess sub artiklu sa mal-kaz jigi deciz.

Salv kull provediment li dan it-Tribunal jidirlu xieraq li ghandu jiehu.

Avv. Charlon Gouder

154, Triq il-Kbira,

Lija

cgouder@aggadvocates.com

Illi waqt is-smigh l-esponenti ser tressaq is-segwenti xhiedha:

(i) Konsulenti tal-Awtorita kif ukoll ufficjali tal-istess sabiex jixhdu fuq il-fatti tal-kaz kif ukoll ir-Regolamenti vigenti;
(ii) Haddiema tas-Socjeta' appellanti sabiex jixhdu dwar il-fatt tal-kaz
(iii) Rappreztanti tad-Direttorat tas-Sahha Pubblika sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-kaz;

Avv. Charlon Gouder

154, Triq il-Kbira,
Lija
cgouder@aggadvocates.com